



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ottubru 2016

13038/16

Fajl Interistituzzjonal:
2016/0307 (NLE)

WTO 284
AGRI 544
UD 207
COLAC 87

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn I-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea

FTEHIM
FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U R-REPUBBLIKA FEDERATTIVA TAL-BRAŻIL
SKONT L-ARTIKOLU XXIV:6 U L-ARTIKOLU XXVIII
TAL-FTEHIM ĠENERALI DWAR IT-TARIFFI U L-KUMMERĊ (GATT) 1994
FIR-RIGWARD TAL-MODIFIKA TA' KONĊESSJONIJIET
FL-ISKEDA TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA
FIL-KUNTEST TAL-ADEŻJONI TAGħHA MAL-UNJONI EWROPEA

A. Ittra mill-Unjoni

Sinjur/Sinjura,

Wara n-negożjati skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika fl-Iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, għandi l-unur niproponi dan li ġej:

L-Unjoni Ewropea għandha tinkludi fl-iskeda tagħha, għat-territorju doganali tal-UE 28, il-konċessjonijiet li jinsabu fl-iskeda tal-UE 27 bil-modifiki li ġejjin:

Jiżdiedu 4 766 tunnellata għall-pajjiż li għalihi hija allokata (il-Brażil) il-kwota tariffarja tal-UE “Qatħat ta’ tjur tal-ispeċi *gallus domesticus*, iffriżati”, numri tal-linji tariffarji 0207.14.10, 0207.14.50 u 0207.14.70, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta’ 0 %;

Jiżdiedu 610 tunnellati għall-pajjiż li għalihi hija allokata (il-Brażil) il-kwota tariffarja tal-UE “Qatħat tad-dundjan, iffriżati”, numri tal-linji tariffarji 0207.27.10, 0207.27.20 u 0207.27.80, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta’ 0 %;

Jiżdiedu 36 000 tunnellata taħt il-parti *erga omnes* mill-kwota tariffarja tal-UE “Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar”, linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta’ EUR 98 għal kull tunnellata;

Jiżdiedu 78 000 tunnellata tal-allokazzjoni għall-Brażil tal-kwota tariffarja tal-UE “Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar”, numri tal-linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta’ EUR 98 għal kull tunnellata.

Fir-rigward tal-volum ta’ 78 000 tunnellata allokati għall-Brażil skont il-kwota tariffarja tal-UE għal-“Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar”, numri tal-linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, minkejja r-rabta fir-rata fil-kwota ta’ EUR 98 għal kull tunnellata, l- Unjoni Ewropea għandha tapplika b’mod awtonomu:

- matul l-ewwel sitt snin li matulhom dan il-volum ikun disponibbli, rata fil-kwota ta’ mhux aktar minn EUR 11 għal kull tunnellata, u
- fis-seba’ sena li matulha dan il-volum ikun disponibbli, rata fil-kwota ta’ mhux aktar minn EUR 54 għal kull tunnellata.

L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestitja tal-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħi tal-ftehim. Il-ftehim għandu jidħol fis-seħħi fi żmien 14-il jum wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika.

Inkun obbligat lejk jekk tikkonfermali li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan kollu. Għandi l-unur nippoproponilek li jekk dan ta' hawn fuq ikun aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra flimkien mal-konferma tiegħek ikunu jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

Nassigurak, Sinjur/Sinjura, mill-ikbar stima li għandi lejk.

Għall-Unjoni Ewropea

B. Ittra mir-Repubblika Federattiva tal-Brażil

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid hekk:

Wara n-negozjati skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT) fir-rigward tal-modifika fl-Iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżżoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, għandi l-unur nipproponi dan li ġej:

L-Unjoni Ewropea għandha tinkludi fl-iskeda tagħha, għat-territorju doganali tal-UE 28, il-konċessjonijiet li jinsabu fl-iskeda tal-UE 27 bil-modifikji li ġejjin:

Jiżdiedu 4 766 tunnellata għall-pajjiż li għalih hija allokata (il-Brażil) il-kwota tariffarja tal-UE “Qatħat ta’ tjur tal-ispeċi *gallus domesticus*, iffriżati”, numri tal-linji tariffarji 0207.14.10, 0207.14.50 u 0207.14.70, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta’ 0 %;

Jiżdiedu 610 tunnellati għall-pajjiż li għalih hija allokata (il-Brażil) il-kwota tariffarja tal-UE “Qatħat tad-dundjan, iffriżati”, numri tal-linji tariffarji 0207.27.10, 0207.27.20 u 0207.27.80, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta’ 0 %;

Jiżdiedu 36 000 tunnellata taħt il-parti *erga omnes* mill-kwota tariffarja tal-UE “Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar”, linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta’ EUR 98 għal kull tunnellata;

Jiżdiedu 78 000 tunnellata tal-allokazzjoni għall-Brażil tal-kwota tariffarja tal-UE “Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar”, numri tal-linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, filwaqt li tinżamm ir-rata preżenti fil-kwota ta’ EUR 98 għal kull tunnellata;

Fir-rigward tal-volum ta’ 78 000 tunnellata allokat iġ-ġall-Brażil skont il-kwota tariffarja tal-UE għal “Zokkor tal-kannamieli mhux raffinat, għall-irfinar”, numri tal-linji tariffarji 1701.13.10 u 1701.14.10, minkejja r-rabta fir-rata fil-kwota ta’ EUR 98 għal kull tunnellata, l-Unjoni Ewropea għandha tapplika b’mod awtonomu:

- matul l-ewwel sitt snin li matulhom dan il-volum ikun disponibbli, rata fil-kwota ta’ mhux aktar minn EUR 11 għal kull tunnellata, u
- fis-seba’ sena li matulha dan il-volum ikun disponibbli, rata fil-kwota ta’ mhux aktar minn EUR 54 għal kull tunnellata.

L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-testija tal-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħi tal-ftehim. Il-ftehim għandu jidħol fis-seħħi fi żmien 14-il jum wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika.

Inkun obbligat lejk jekk tikkonfermali li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan kollu. Għandi l-unur nippoproponilek li jekk ta' hawn fuq ikun aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra flimkien mal-konferma tiegħek ikunu jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil.”

Jiena ninsab f'pożizzjoni li ninformak illi l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontentut tal-ittra tiegħek.
Nassigurak, Sinjur/Sinjura, mill-ikbar stima li għandi lejk.

Għar-Repubblika Federattiva tal-Brażil